

31995D0409

11.10.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 243/21

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ġunju 1995

li tippreskrivi r-regoli għall-ittestjar mikrobijoloġiku bit-teħid ta' kampjuni tal-laħam frisk taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal maħsub għall-Finlandja u għall-Isvezja

(95/409/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-marketing ta' laħam frisk⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(3)(a) u (b) tiegħu,

Billi l-Kummissjoni approvat il-programmi ta' operazzjonijiet mibgħuta mill-Finlandja u mill-Isvezja rigward il-kontrolli tas-salmonella; billi daww il-programmi fihom miżuri speċifiċi għal-laħam frisk taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal;

Billi l-implimentazzjoni ta' testijiet mikrobijoloġiċi minn stabbiliment jikkostitwixxu waħda mill-garanziji addizzjonali li għandhom jingħataw mill-Finlandja u mill-Isvezja u tipprovdi garanziji ekwivalenti għal daww miksuba taħt il-programmi ta' operazzjonijiet tal-Finlandja u ta' l-Isvezja, kif rikonoxxuti mid-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni;

Billi l-Finlandja u l-Isvezja jridu japplikaw għall-kunsinni li joriġinaw minn pajjiżi terzi l-ħtiġijiet ta' l-importazzjoni mill-anqas stretti daww preskritti f'din id-Deċiżjoni;

Billi, sa fejn il-metodi ta' teħid ta' kampjuni li għandhom ikunu applikati huma kkonċernati, huwa l-każ li ssir distinzjoni bejn karkassi sħaħ u nofs karkassi, min-naħa l-waħda, u kwartijiet, qatgħat u biċċiet iżgħar min-naħa l-oħra;

Billi huwa xieraq li jkunu kkunsidrati l-metodi internazzjonali għall-eżami mikrobijoloġiku ta' kampjuni;

Billi testijiet mikrobijoloġiċi mhux meħtieġa għal laħam frisk minn stabbiliment li huwa suġġett għal programm rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak implimentat mill-Finlandja jew mill-Isvezja;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jstgħu jkunu adottati fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 64/433/KEE,

⁽¹⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 95/1/KE, Euratom, KEFA (ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1).

L-Artikolu 1

Skond l-Artikolu 5(3)(a) tad-Direttiva 64/433/KEE, kunsinni ta' laħam frisk taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal maħsuba għall-Finlandja u għall-Isvezja għandhom ikunu suġġetti għar-regoli preskritti fl-Artikoli 2, 3 u 4.

L-Artikolu 2

Laħam frisk taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal maħsub għall-Finlandja u għall-Isvezja għandu jkun suġġettat għal testjar mikrobijoloġiku għas-salmonella, kif previst fl-Artikolu 5(3)(a) tad-Direttiva 64/433/KEE, billi jittieħdu kampjuni mill-istabbiliment ta' l-oriġini tat-laħam bħal dan. Dawn l-eżamijiet mikrobijoloġiċi jsiru kif preskritti fl-Anness.

L-Artikolu 3

Laħam frisk taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal minn stabbiliment suġġettat għal programm rikonoxxut, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 64/433/KEE, bħala ekwivalenti għal dik implimentata mill-Finlandja u mill-Isvezja, ma jkunx suġġettat għat-testijiet mikrobijoloġiċi preskritti f'din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 4

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni mħejjija fid-dawl ta' rapport stabbilit fuq il-bażi tar-riżultati tal-programmi ta' operazzjonijiet implimentati mill-Finlandja u mill-Isvezja u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni qabel l-1 ta' Luġu 1998.

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Lulju 1995.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Ġunju 1995.

L-Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Għall-Kunsill

Il-President

Ph. VASSEUR

L-ANNESS

TAQSIMA A

METODU TA' TEĦID TA' KAMPJUNI

1. Karkassi, nofs karkassi u kwarti miksuba mill-biċċerija ta' oriġini ('teknika swab')

Kampjuni li fihom intuża l-metodu ta' *swabbing* mill-wiċċ jittieħdu f'postijiet li x'aktarx ikunu kontaminati. *Swabbing* mill-wiċċ jinvolve li jinfetħu l-ġnub tal-karkassi u ta' uċuħ maqtugħa. Barra hekk il-karkassi taċ-ċanga jittieħdu kampjuni minnhom mill-anqas minn tlett partijiet (is-sieq, il-falda u l-għonq), il-karkassi tal-majjal madankollu jittieħdu kampjuni minnhom mill-anqas minn żewġ partijiet (is-sieq u s-sidra).

Biex tkun evitata kontaminazzjoni inkruċjata, il-kampjuni jittieħdu mingħajr ma jintmiss il-laħam u bl-użu ta' *swabs* u mudelli sterili.

Il-postijiet tat-teħid ta' kampjuni (20ċm × 20ċm) deskritti fl-ewwel paragrafu jittieħdu minnhom żewġ *swabs* sterili tat-tajjar. L-ewwel *swab* ikun imxarrab b'ilma peptun sterili u magħruk sew bosta drabi fuq il-post minn fejn jittieħdu l-kampjuni. L-istess post minn fejn jittieħdu l-kampjuni huwa magħruk bit-tieni *swab* użata niexfa. Wara is-*swabs* jitpoġġew fi 100ml ta' ilma *buffered peptone*.

Kull kampjun huwa mmarkat sew u identifikat.

2. Qatgħat ta' kwarti minn stabbiliment għajr il-biċċerija ta' l-oriġini tal-karkassa, qatgħat jew biċċiet iżgħar ('il-metodu distrustiv')

Biċċiet ta' tessut jinkisbu billi jitniffed taqqab sterili tas-sufri fil-wiċċ tal-laħam jew tinqata' biċċa tessut ta' madwar 25ċm² bi strumenti sterili. Il-kampjuni huma trasferiti *asettikament* għal ġo kontenitur tal-kampjuni jew borża tal-plastik għat-taħlit bl-ilma u mbagħad omoġenizzati (*peristaltic stomacher* jew *rotary blender* (omoġenizzatur)). Kampjuni ta' laħam friżat jibqgħu ffriżati matul it-trasport lejn il-laboratorju. Kampjuni minn laħam imkessaħ ma jgħux iffriżati iżda miżmuma refriġerati. Kampjuni separati ta' l-istess kunsinna jistgħu jingħaqdu.

Kull kampjun huwa mmarkat sew u identifikat.

TAQSIMA B

NUMRU TA' KAMPJUNI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU

1. Karkassi, nofs karkassi, nofs karkassi maqtugħa f'massimu ta' tlett biċċiet u kwarti msemmin taħt A (1)

In-numru ta' karkassi jew nofs karkassi (unitajiet) f'kunsinna li minnha kampjuni separati saltwarjament għandhom jittieħdu huwa kif ġej:

Kunsinna (numru ta' unitajiet)	Numru ta' unitajiet li minnhom għandhom jittieħdu l-kampjuni
1–24	Numru daqs in-numru ta' l-unitajiet b'massimu ta' 20
25–29	20
30–39	25
40–49	30
50–59	35
60–89	40
90–199	50
200–499	55
500 jew aktar	60

2. Kwarti, qatgħat u biċċiet iżgħar kif imsemmijin taħt A (2)

In-numru ta' unitajiet ta' l-ippakkjar fil-kunsinna li minnha kampjuni separati saltwarjament għandhom jittieħdu huwa kif ġej:

Kunsinna (numru ta' unitajiet ta' l-ippakkjar)	Numru ta' unitajiet ta' l-ippakkjar li minnhom għandhom jittieħdu l-kampjuni
1-24	Numru daqs in-numru ta' unitajiet ta' l-ippakkjar b'massimu ta' 20
25-29	20
30-39	25
40-49	30
50-59	35
60-89	40
90-199	50
200-499	55
500 jew iktar	60

Skond il-piż ta' l-unitajiet ta' l-ippakkjar, in-numru ta' kampjuni ta' unitajiet ta' l-ippakkjar jista' jitnaqqas bl-użu tal-fatturi tal-moltiplikazzjoni li ġejjin:

Piż ta' l-unitajiet ta' l-ippakkjar	> 20kg	10-20kg	< 10kg
Fatturi tal-moltiplikazzjoni	× 1	× ¾	× ½

TAQSIMA C

METODU MIKROBIJOLOĠIKU GĦALL-EŻAMI TAL-KAMPJUNI

L-eżami mikrobijoloġiku tal-kampjuni għas-salmonella jrid isir skond il-metodu standard ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni ISO 6579:1993. Madankollu, il-metodi li joffru garanziji ekwivalenti jistgħu jkunu awtorizzati fuq bażi ta' każ każ mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.